Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Jannar 2021
(OR. en)

14356/20

ECOFIN 1208
UEM 413
SOC 830
EMPL 580
COMPET 666
ENV 839
EDUC 459
RECH 546
ENER 517
JAI 1140
FSTR 199
REGIO 293
GENDER 154
ANTIDISCRIM 131

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | ST 13060/20 |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 746 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-verżjoni tal-Grupp tal-Euro maqbula fis-16 ta' Diċembru 2020 tal-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Wara l-Vidjokonferenza tal-ECOFIN ta' Jannar, it-test għandu jiġi approvat fl-ewwel laqgħa fiżika disponibbli tal-Kunsill jew permezz ta' proċedura bil-miktub.

L-adozzjoni formali tat-test jenħtieġ li ssir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2021.

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' baġit u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
2 ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Billi:

(1) Bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-ekonomija taż-żona tal-euro esperjenzat reċessjoni f'daqqa u profonda fl-ewwel nofs tal-2020. Minkejja r-rilanċ qawwi fit-tielet kwart tal-2020, li jakkumpanja t-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment, l-irkupru tat-tixrid tal-Covid-19 u l-miżuri l-ġodda ta' konteniment fir-raba' kwart komplew iżidu l-inċertezza u wrew li ż-żona tal-euro għadha vulnerabbli għall-kriżi tas-saħħa persistenti. Skont it-tbassir ekonomiku tas-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2020, il-kriżi tal-COVID-19 ipproduċiet sensiela ta' xokkijiet kbar mil-lat tad-domanda u tal-provvista li ssarrfu fi tnaqqis mistenni tal-PDG ta' 7.8 % fl-2020. L-irkupru fl-2021 huwa għalhekk projettat li jkun aktar bil-mod milli kien mistenni qabel u marġni kbir tal-potenzjal tal-produzzjoni ta' madwar -7.0 % tal-PDG potenzjali taż-żona tal-euro fl-2020 mhuwiex projettat li jagħlaq sa tmiem l-2021. Fir-rigward tal-perspettiva ekonomika, hemm inċertezza konsiderevoli assoċjata mal-iżvilupp tal-pandemija u mal-bidliet fl-imġiba tal-aġenti ekonomiċi. Azzjoni immedjata fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż il-ftehim milħuq mill-Kunsill Ewropew dwar il-pakkett ta' Next Generation EU (NGEU), għenet b'mod deċiżiv biex tpatti għal xi wħud mill-konsegwenzi negattivi tax-xokk u tistabbilizza s-swieq. Kemm il-konsum privat kif ukoll l-investiment ġew milquta ħażin, u dawn imbagħad affettwaw b'mod negattiv il-prezzijiet u l-pagi. Il-perspettiva tas-suq tax-xogħol ħadet ukoll bidla għall-agħar, u interrompiet seba' snin ta' titjib. Iż-żieda fil-qgħad s'issa ġiet mitigata bl-implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri ta' politika ambizzjużi fl-Istati Membri kollha — bħal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u politiki oħra ta' appoġġ biex jiġu evitati sensji tal-massa u telf kbir ta' dħul – u t-tnaqqis relatat fis-sigħat totali maħduma kif ukoll bi tnaqqis fir-rati ta' attività.

(2) Il-kriżi tal-COVID-19 qed iżżid id-diverġenzi ekonomiċi fost l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro. Diversi fatturi qed jixprunaw dawn id-diverġenzi, fosthom: l-intensità u t-twaqqit tax-xokk inizjali tal-COVID-19; id-daqs relattiv u l-importanza ekonomika tas-setturi intensivi ta' kuntatt (eż. it-turiżmu, l-ivvjaġġar fuq xogħol u l-ospitalità) u d-differenzi fl-ispazju fiskali disponibbli. Dawn id-differenzi għandhom impatt fuq il-fiduċja, l-investimenti u l-prospetti ta' tkabbir kif ukoll id-disparitajiet reġjonali li kienu jeżistu qabel il-kriżi iżda li issa jistgħu jiggravaw. Fuq medda itwal ta' żmien, il-kriżi attwali tal-COVID-19 għandha r-riskju li tħalli effetti negattivi permanenti fuq it-tkabbir potenzjali u fuq id-differenzi fid-dħul minħabba kapital uman u fiżiku aktar baxx (kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli). Dan jista' jissarraf fi tkabbir saħansitra aktar baxx fil-produttività tax-xogħol u fl-introjti u f'inugwaljanza akbar.

(3) Ir-reazzjoni rapida u qawwija mill-Unjoni, inkluż in-Next Generation EU (NGEU), li jinkludi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), tat spinta lill-fiduċja fis-suq u wriet is-solidarjetà u l-unità tal-iskop tal-Istati Membri fil-koordinazzjoni tal-isforzi tagħhom biex jerġgħu jibdew it-tkabbir ekonomiku u jsaħħu r-reżiljenza ekonomika u soċjali. Intlaħaq qbil dwar għadd ta' strumenti ġodda għall-Unjoni u għaż-żona tal-euro fi spazju ta' żmien qasir ħafna. Dawn l-istrumenti diġà jipprovdu xibka ta' sikurezza għall-ħaddiema (permezz tal-Istrument Ewropew għall-Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza — SURE)[3], għan-negozji (permezz ta' skema mill-Bank Ewropew tal-Investiment) u għall-Istati Membri biex jappoġġaw il-finanzjament domestiku tal-kura tas-saħħa diretta u indiretta, l-ispejjeż relatati mal-kura u l-prevenzjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19, permezz tal-Istrument ta' Appoġġ għall-Kriżi Pandemika tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà[4]. Ir-rispons tal-politika tal-Unjoni inkluda wkoll l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u qafas temporanju biex tintuża l-flessibbiltà skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat[5]. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni ġew diretti mill-ġdid fejn l-aktar hemm bżonn permezz tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII u CRII+)[6].

---

3 ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1-7.
4 https://www.consilium.europa.eu/media/44011/20200508-pcs-term-sheet-final.pdf
5 ĠU C 91I, 20.3.2020, p. 1-9, ĠU C 112I, 4.4.2020, p. 1-9, ĠU C 164, 13.5.2020, p. 3-15, ĠU C 218, 2.7.2020, p. 3-8.
6 ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5-8.

(4) L-implimentazzjoni ta' politiki mfassla tajjeb fil-kuntest tal-NGEU u l-istrument ewlieni tagħha, l-RRF, ser tipprovdi momentum ġdid lill-Istati Membri biex jibdew riformi li jsaħħu t-tkabbir u jżidu l-livell u l-kwalità tal-investimenti, b'mod konsistenti mal-objettivi ta' reżiljenza u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Dan jenħtieġ li jgħin biex jinbena l-kapital uman, jappoġġa t-tranżizzjonijiet b'suċċess tax-xogħol tal-ħaddiema li, flimkien mal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, ser ikunu essenzjali biex tiġi żgurata l-koeżjoni, jitrawmu l-impjiegi u l-produttività, u tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika u soċjali. L-objettivi tat-tkabbir tal-UE, u l-isfidi strutturali nazzjonali, inklużi dawk identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi tal-2019 u l-2020, huma fundamentali. L-istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 (ASGS[7]), li tippromwovi dawn l-objettivi, tressaq seba' inizjattivi ewlenin: (1) Spinta 'l quddiem, (2) Rinnovazzjoni, (3) Iċċarġjar u Riforniment, (4) Konnessjoni, (5) Modernizzazzjoni, (6) Espansjoni, (7) Taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet. Dawk l-oqsma ewlenin jirrappreżentaw sfidi komuni li jeħtieġu investimenti u riformi kkoordinati. L-Istati Membri huma mħeġġa jidderieġu l-investimenti, jimplimentaw ir-riformi u jintegraw aktar il-ktajjen tal-valur tagħhom f'dawn l-oqsma ewlenin. Ir-Regolament propost dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprevedi, fost l-oħrajn, li l-Pjanijiet għall-Irkupru u Reżiljenza tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro għandhom ikunu konsistenti mal-isfidi u l-prijoritajiet identifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro. Din il-konsistenza jenħtieġ li titqies fil-valutazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza.

(5) Iż-żona tal-euro teħtieġ taħlita ta' politiki ekonomiċi ta' appoġġ u kkoordinati, komprensivi u konsistenti biex itaffu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, f'konformità sħiħa mas-salvagwardji tat-Trattat li jikkonċernaw l-istituzzjonijiet rispettivi. L-għan huwa li jiġi limitat kwalunkwe impatt negattiv fit-tul fuq is-suq tax-xogħol, li jitnaqqsu diverġenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti, li jiġu indirizzati l-iżbilanċi u riskji makroekonomiċi oħra u, b'mod aktar ġenerali, li jiġu evitati konsegwenzi negattivi għat-tkabbir potenzjali u l-istabbiltà tal-prezzijiet u li jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli fuq perjodu medju. Il-konsistenza reċiproka tat-tliet dimensjonijiet ewlenin tat-taħlita ta' politika taż-żona tal-euro — monetarja, fiskali u strutturali — flimkien mal-istabbiltà finanzjarja, hija essenzjali biex tiġi żgurata pożizzjoni ta' politika aggregata ta' appoġġ għaż-żona tal-euro.

---

7 COM(2020) 575 final.

(6) L-interventi f'waqthom tal-politika monetarja tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandhom l-għan li jżommu l-kanali ta' trażmissjoni monetarja intatti u li jissalvagwardjaw l-istabbiltà tal-prezzijiet fuq perjodu medju. Il-BĊE ħabbar xirjiet sostanzjali ta' assi tas-settur pubbliku u privat taħt il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza Pandemika tiegħu (PEPP, EUR 1850 biljun sa mill-inqas l-aħħar ta' Marzu 2022)[8] u taħt il-Programm ta' Xiri tal-Assi (APP, xiri nett ta' EUR 20 biljun fix-xahar, flimkien ma' pakkett addizzjonali ta' EUR 120 biljun sa tmiem l-2020)[9]. Barra minn hekk, il-BĊE joffri Operazzjonijiet Immirati ta' Rifinanzjament fuq perjodu Twil b'kundizzjonijiet favorevoli ħafna, li jappoġġaw is-self bankarju lil ditti u unitajiet domestiċi.

(7) Il-pożizzjoni fiskali hija mbassra li tkun espansiva ħafna fl-2020 u li tibqa' ta' appoġġ fl-2021 kemm fil-livell taż-żona tal-euro kif ukoll f'dak nazzjonali, bl-esklużjoni ta' miżuri ta' emerġenza kif ukoll bis-saħħa ta' xi miżuri ta' rkupru li diġà tħabbru. Il-koordinazzjoni tal-politiki fiskali nazzjonali, b'rispett sħiħ tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, hija kruċjali għar-rispons effettiv għax-xokk tal-COVID-19, irkupru sostenibbli, u l-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM). Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ekonomija tal-UE kienet għaddejja minn reċessjoni ekonomika gravi u li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u ta' Tkabbir. Din il-konklużjoni ġiet approvata mill-ministri tal-finanzi tal-Istati Membri[10]. L-Istati Membri introduċew miżuri baġitarji mdaqqsa biex irażżnu l-pandemija u jipprovdu appoġġ lill-individwi u lin-negozji partikolarment affettwati, kif ukoll appoġġ eċċezzjonali ta' likwidità, prinċipalment permezz ta' garanziji pprovduti lill-kumpaniji u lill-banek biex jiżguraw il-fluss tal-kreditu. Aktar appoġġ fiskali kkoordinat ser jiġi pprovdut fil-livell tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-RRF, u l-klawżola liberatorja ġenerali ser tibqa' attiva fl-2021. Fir-rebbiegħa tal-2021, filwaqt li tqis il-projezzjonijiet makroekonomiċi aġġornati, il-Kummissjoni ser tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni u tieħu kont tal-applikazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali.

---

8 ĠU L 91, 25.3.2020, p. 1-4.
9 ĠU L 157, 15.6.2016, p. 28-32.
10 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/03/23/statement-of-eu-ministers-of-finance-on-the-stability-and-growth-pact-in-light-of-the-covid-19-crisis/

(8) Ir-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-COVID-19 qed ikollhom impatt negattiv kbir fuq il-finanzi pubbliċi. Meta l-kundizzjonijiet tas-saħħa u dawk ekonomiċi jippermettu, l-iffukar mill-ġdid tal-politiki fiskali lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien, inkluż bl-eliminazzjoni gradwali tal-miżuri ta' emerġenza, ser jikkontribwixxi biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fil-perjodu medju ta' żmien. Dan jenħtieġ li jsir b'tali mod li l-impatt tal-kriżi fuq is-soċjetà u s-suq tax-xogħol jittaffa u li jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà soċjali. Ir-riformi li għandhom l-għan li jtejbu l-istrutturi tal-baġits nazzjonali u li jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali fit-tul, anki fid-dawl tat-tibdil fil-klima u l-isfidi tas-saħħa, jidhru partikolarment rilevanti. It-titjib tal-istrutturi tal-baġits nazzjonali, speċjalment permezz ta' reviżjonijiet tal-infiq u ta' oqfsa effettivi tal-akkwist pubbliku, jista' joħloq l-ispazju fiskali tant meħtieġ. Il-prattiki ta' bbaġitjar ekoloġiku jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, u l-protezzjoni ambjentali. Sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali adegwati, effiċjenti u inklużivi joffru protezzjoni tant meħtieġa lil dawk fil-bżonn, għandhom rwol ewlieni bħala stabbilizzaturi awtomatiċi u għandhom jippreservaw is-sostenibbiltà fiskali. Bl-istess mod, ir-riformi li jsaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, tal-kapital, tal-prodotti u tas-servizzi — permezz ta' implimentazzjoni u sekwenzjar xierqa — iżidu l-produzzjoni potenzjali, filwaqt li jevitaw impatt negattiv fuq terminu qasir fuq id-domanda aggregata.

(9) Il-kriżi tal-COVID-19 qed issaħħaħ l-importanza tar-riformi għal sistemi ta' dħul pubbliku aktar effiċjenti u ġusti. Peress li l-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol fil-maġġoranza tal-Istati Membri taż-żona tal-euro għadu għoli, dawn ir-riformi jinkludu t-trasferiment tal-piż tat-taxxa lejn bażijiet tat-taxxa li huma inqas detrimentali għall-provvista u d-domanda tax-xogħol, il-produttività, l-investiment u t-tkabbir, filwaqt li jitqies l-impatt distributtiv relatat. Żieda fl-użu tat-tassazzjoni ambjentali u/jew forom oħra ta' pprezzar tal-esternalitajiet jistgħu jikkontribwixxu għal tkabbir sostenibbli, billi tiġi inċentivata l-imġiba "aktar ekoloġika". Il-miżuri li jindirizzaw l-ippjanar tat-taxxa aggressiv u l-evitar tat-taxxa, kemm internazzjonalment kif ukoll fl-Unjoni, jistgħu jagħmlu s-sistemi tat-taxxa aktar effiċjenti u ġusti. Barra minn hekk, il-globalizzazzjoni ħolqot il-ħtieġa li l-qafas tat-tassazzjoni jiġi aġġustat biex ikun adattat għal ekonomija moderna u dejjem aktar diġitalizzata, kemm fil-livell globali kif ukoll fil-livell tal-UE. Għaddejja ħidma fil-qafas tal-OECD biex tintlaħaq soluzzjoni bbażata fuq il-kunsens globali biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija.

(10) Ir-riformi li jindirizzaw l-ostakli għall-investiment u r-restrizzjonijiet min-naħa tal-provvista hija ta' rilevanza partikolari meta wieħed iqis il-livell għoli ta' inċertezza li jġib miegħu x-xokk tal-COVID-19 u l-effett detrimentali tiegħu fuq l-investiment. Miżuri li jaċċelleraw l-assorbiment tal-fondi tal-UE u utilizzazzjoni effettiva u effiċjenti tar-riżorsi huma essenzjali, b'mod partikolari fl-Istati Membri li għadhom lura f'dawn l-oqsma u fejn il-fondi tal-UE jiffinanzjaw sehem sinifikanti mill-investimenti. Ir-riformi li jnaqqsu l-piż amministrattiv għad-ditti (eż. id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi, inkluż l-identifikazzjoni elettronika, ir-riformi ġudizzjarji) u jipprevjenu l-użu ħażin tal-fondi (eż. il-korruzzjoni, il-frodi u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus[11]) jistgħu jtejbu l-ambjent tan-negozju u jgħinu biex tingħata spinta lill-investiment privat, l-impjiegi u l-ħolqien ta' ditti.

[11] Komunikazzjoni C (2020) 2800 final mill-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju dwar Pjan ta' Azzjoni għal politika komprensiva tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu monetarju.

(11) Il-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal telf sostanzjali fid-dħul għal bosta kumpaniji u toħloq riskji għas-solvenza korporattiva fiż-Żona tal-Euro kollha. Oqfsa effettivi ta' insolvenza għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ ta' ditti vijabbli li jkunu għaddejjin minn problemi temporanji u jiggarantixxu l-ħruġ ordnat mis-suq ta' ditti mhux vijabbli. It-titjib tal-oqfsa ta' insolvenza jista' jgħin ukoll biex tiġi indirizzata ż-żieda probabbli ta' self improduttiv u biex jinżamm il-kreditu għall-ekonomija billi jiġi ffaċilitat it-tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek u jiġi xprunat l-investiment transfruntier fuq perjodu itwal. F'dan il-kuntest, id-Direttiva dwar ir-Ristrutturar u t-Tieni Opportunità (2019/1023)[12] ġiet adottata biex tintroduċi standards minimi fost l-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar is-solvenza sabiex jiġi żgurat li oqfsa ta' ristrutturar preventiv ikunu disponibbli għad-debituri f'diffikultà finanzjarja, biex jiġu pprovduti proċeduri li jwasslu għall-ħelsien mid-djun imġarrba minn imprendituri b'dejn eċċessiv, u biex tiżdied l-effiċjenza tat-tipi kollha ta' proċeduri ta' insolvenza. Huwa importanti li wieħed jipproċedi bit-traspożizzjoni u bl-implimentazzjoni tad-direttiva. Fil-pjan ta' azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali ta' Settembru 2020[13] il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li kienet qed taħdem għal armonizzazzjoni minima jew għal aktar konverġenza f'oqsma mmirati lejn l-insolvenza prinċipalment mhux bankarja. Lil hinn minn dan, hemm lok għall-Istati Membri biex jivvalutaw aktar l-effiċjenza u l-effettività tal-oqfsa ta' insolvenza tagħhom f'konformità mal-aħjar prattiki internazzjonali u biex jindirizzaw in-nuqqasijiet li fadal[14].

---

12 ĠU L 172, 26.6.2019, p.18-55.
13 COM(2020) 590 final.
14 Il-Grupp tal-Euro identifika għadd ta' prinċipji li jinkludu l-identifikazzjoni bikrija ta' diffikultà fid-dejn u d-disponibbiltà ta' proċeduri ta' ristrutturar bikri. Ara https://www.consilium.europa.eu/mt/meetings/eurogroup/2016/04/22/.

(12) L-approfondiment ulterjuri tas-suq uniku fil-prodotti u s-servizzi, u l-adattament taż-Żona tal-Euro għall-era diġitali, jistgħu jkunu l-ixprun ewlieni tat-tkabbir, tal-konverġenza u tar-reżiljenza. Il-munita komuni u s-suq uniku ilhom jaħdmu flimkien biex joħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-istabbilizzazzjoni ekonomika u għat-tkabbir fit-tul. Il-kriżi tal-COVID-19 tat spinta lill-użu tal-għodod diġitali, enfasizzat l-importanza tas-suq uniku diġitali u aċċellerat l-użu ta' metodi ta' ħlas diġitali u mingħajr il-flus kontanti. Madankollu s-suq uniku għadu mhux komplut, speċjalment fil-qasam tas-servizzi, u b'mod aktar speċifiku fin-negozju tal-bejgħ bl-imnut u s-servizzi professjonali. Is-suq uniku għandu l-potenzjal li jillimita r-riġiditajiet tal-prezzijiet, u b'hekk jibbenefika t-trażmissjoni tal-politika monetarja u r-reżiljenza ekonomika. Is-suq uniku jgħin ukoll fil-mobbiltà tal-fatturi tal-produzzjoni, li jippermetti lis-setturi, ir-reġjuni u l-Istati Membri jimminimizzaw l-ispejjeż ekonomiċi (eż. il-qgħad) b'reazzjoni għax-xokkijiet. Biex fis-suq uniku jkun hemm aktar integrazzjoni għall-oġġetti u s-servizzi, jeħtieġ li jitneħħew ir-restrizzjonijiet kollha mhux meħtieġa li fadal, jissaħħu l-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq u jittieħdu miżuri biex tiġi ggarantita l-kapaċità amministrattiva biex jintlaħqu dawn l-objettivi.

(13) Ir-riformi u l-investiment li jtejbu l-integrazzjoni u t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni partikolari għall-impjiegi diġitali u ekoloġiċi, huma essenzjali biex tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jiġi appoġġat l-irkupru. Il-miżuri immedjati nazzjonali u tal-Unjoni kontra l-kriżi limitaw l-impatt ekonomiku u soċjali negattiv fuq il-ħaddiema. Fl-istess ħin, għadd ta' riformi li ilhom għaddejjin saru saħansitra aktar urġenti issa: politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol, inkluż appoġġ individwalizzat, it-titjib tal-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex jissaħħu l-eżiti edukattivi minn età bikrija, miżuri b'saħħithom ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet u investiment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti u fi pjattaformi ta' tagħlim online, l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet, iż-żieda fil-prospetti ta' impjieg tal-aktar segmenti vulnerabbli tal-popolazzjoni attiva, inkluż iż-żgħażagħ u l-persuni qiegħda fit-tul, kif ukoll l-eliminazzjoni tad-disparitajiet bejn is-sessi. It-trawwim tal-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari billi jiġu żgurati pagi minimi adegwati u jiġu indirizzati s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u l-ostakli għall-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, huma kruċjali biex jiġi appoġġat irkupru sostenibbli u inklużiv. Id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv għandhom rwol importanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-politiki.

(14) L-aċċess għal sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali adegwati, inklużivi u sostenibbli, li fil-kriżi jiffunzjonaw bħala stabbilizzaturi awtomatiċi, huwa importanti għar-reżiljenza ekonomika u soċjali. Dawn jgħinu biex tinżamm il-koeżjoni soċjali, standards ta' għajxien deċenti u saħħa tajba tal-popolazzjoni, li hija fundamentali għal ekonomija tax-xogħol produttiva, tul iċ-ċiklu ekonomiku kollu u tindirizza l-faqar u l-esklużjoni soċjali. L-investimenti li jappoġġaw ir-riformi tas-saħħa u s-sistemi tas-saħħa reżiljenti jeħtieġ li jibqgħu prijorità għall-Istati Membri. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[15] hija essenzjali biex il-politiki jkollhom gwida. Quddiem il-kriżi, il-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni soċjali adegwata li tkopri lil kulħadd, kemm f'termini ta' kura tas-saħħa ta' kwalità u fit-tul kif ukoll f'termini ta' sostituzzjoni tal-introjtu għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'kuntratti atipiċi u dawk li jaħdmu għal rashom, saret saħansitra aktar importanti. Ħafna Stati Membri adottaw appoġġ għall-introjtu temporanju u miżuri ta' assistenza soċjali favur gruppi vulnerabbli bi dħul baxx ħafna u ħaddiema li mhumiex intitolati għall-benefiċċji tal-qgħad. Ittieħdu miżuri fir-rigward ta' benefiċċji, kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà u servizzi in natura addizzjonali. Hemm bżonn li jissaħħu l-adegwatezza u l-kopertura tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, sabiex jiġu żgurati s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u l-ġustizzja interġenerazzjonali.

[15] Il-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p.10-15.

(15) Inkiseb progress sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, iżda r-riperkussjonijiet ekonomiċi tal-pandemija tefgħu pressjoni ġdida fuq is-settur finanzjarju. Il-banek taż-Żona tal-Euro ffaċċaw il-kriżi attwali b'kapaċitajiet ta' assorbiment tat-telf aktar b'saħħithom apparagun ta' qabel il-bidu tal-kriżi finanzjarja dinjija. Flimkien mal-miżuri ta' politika monetarja u fiskali, dan evita li l-kundizzjonijiet tal-finanzjament tas-suq jiġu ssikkati, wara l-fażi inizjali tal-kriżi, u żgura li jitkompla l-għoti ta' kreditu lis-settur privat. Il-kriżi x'aktarx li tpoġġi aktar pressjoni fuq il-livelli ta' profittabbiltà diġà baxxi tal-banek u l-proporzjonijiet ta' self improduttiv. L-iżvilupp ta' swieq sekondarji għal self improduttiv, użu effiċjenti ta' national Asset Management Companies (AMCs), fejn xieraq, u r-riforma tal-oqfsa ta' insolvenza, huma partikolarment importanti biex isir progress f'dan il-qasam, flimkien mal-indirizzar tal-kwistjonijiet strutturali ta' profittabbiltà baxxa. Dawn l-iżviluppi jistgħu jfixklu l-għoti ta' kreditu lill-ekonomija, li huwa essenzjali għall-irkupru. L-interventi b'ħeffa u mdaqqsa ta' politika appoġġaw il-fiduċja u għenu biex tiġi ppreservata l-istabbiltà makrofinanzjarja. L-iskemi ta' garanzija fuq is-self tal-gvern jgħinu biex isostnu l-kreditu għall-ekonomija, jipproteġu lill-kumpaniji u jimmitigaw iċ-ċirkwiti ta' feedback mas-settur bankarju, iżda jikkostitwixxu wkoll obbligazzjonijiet kontinġenti għall-baġits tal-Istati Membri. L-estensjoni tal-moratorji tal-insolvenza u t-tolleranza tas-self improduttiv jinvolvu l-kisba ta' bilanċ diffiċli bejn l-iżgurar ta' appoġġ kontinwu għal ditti vijabbli u r-riskju ta' allokazzjoni ħażina tal-fondi, żieda fit-telf taħt falliment eventwali u inqas ċarezza fir-rigward tal-kwalità kreditizja sottostanti.

(16) It-tlestija tal-istruttura tal-UEM tibqa' essenzjali. Il-mili tal-lakuni li fadal jista' jkompli jżid l-istabbiltà u r-reżiljenza taż-żona tal-euro u konsegwentement isaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, li baqa' ġeneralment stabbli f'dawn l-aħħar snin. Jenħtieġ li passi ulterjuri jqisu t-tagħlimiet meħuda mir-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19. Lil hinn mill-effett ta' stabbilizzazzjoni tagħha fuq perjodu qasir u r-rwol tagħha fl-appoġġ għall-irkupru, in-Next Generation EU għandu l-potenzjal li jħalli impatt fuq l-UEM fuq perjodu itwal billi jistimula investimenti li jsaħħu t-tkabbir u riformi strutturali u jżid ir-reżiljenza taż-żona tal-euro għal xokkijiet futuri. Il-ħruġ imdaqqas ta' dejn iddenominat f'euro, inkluż bonds ekoloġiċi u soċjali, ser iżid il-profondità u l-likwidità fis-suq għal titoli ta' dejn iddenominati f'euro ta' kwalità għolja, u jista' jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro. Madankollu, għad hemm elementi importanti nieqsa fl-UEM, bħal Unjoni Bankarja kompluta u Unjoni tas-Swieq Kapitali approfondita. It-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja jibqa' kruċjali. Dan jitlob li titkompla l-ħidma, mingħajr dewmien, u bl-istess livell ta' ambizzjoni, fuq l-elementi kollha, inkluż dawk diskussi fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-EDIS, fuq bażi konsenswali. Il-proċediment bil-pakkett ta' riformi tal-MES u, minħabba l-progress li sar fit-tnaqqis tar-riskju u l-miżuri ulterjuri deskritti fid-dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro tat-30 ta' Novembru 2020, l-avvanz tad-dħul fis-seħħ tal-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, sal-bidu tal-2022, jimmarka pass importanti ieħor lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u t-tisħiħ tal-UEM. Jenħtieġ li jkun hemm aktar ħidma fuq soluzzjonijiet biex jingħelbu l-limitazzjonijiet fl-istruttura attwali għall-forniment ta' likwidità f'riżoluzzjoni. L-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali huwa prijorità ewlenija, kif muri mill-pjan ta' azzjoni l-ġdid ta' Settembru 2020. UEM b'saħħitha u reżiljenti ser tkun importanti wkoll biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro u tiġi żgurata l-awtonomija ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni li dwarha l-Kummissjoni ser tippreżenta komunikazzjoni, b'rispett sħiħ għas-suq intern tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti ma' Stati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, individwalment, inkluż permezz tal-Pjanijiet ta' Rkupru u Reżiljenza tagħhom, u kollettivament fil-Grupp tal-Euro, fil-perijodu 2021–2022 biex:

1. Tiġi żgurata pożizzjoni ta' politika li tappoġġa l-irkupru

Minħabba li għad hemm l-emerġenza tas-saħħa, il-politiki fiskali jenħtieġ li jibqgħu jagħtu appoġġ fl-Istati Membri kollha taż-Żona tal-Euro matul l-2021.

Il-miżuri ta' politika jenħtieġ li jitfasslu skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi għall-pajjiż, u jkunu f'waqthom, temporanji u mmirati. L-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jikkoordinaw l-azzjonijiet biex jindirizzaw b'mod effettiv il-pandemija, isostnu l-ekonomija u jappoġġaw irkupru sostenibbli.

Meta l-kundizzjonijiet epidemjoloġiċi u ekonomiċi jippermettu, ineħħu gradwalment il-miżuri ta' emerġenza filwaqt li jiġġieldu l-impatt soċjali u tas-suq tax-xogħol tal-kriżi. Isaħħu l-politiki fiskali mmirati lejn il-kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq perjodu medju ta' żmien u l-iżgurar tas-sostenibbiltà tad-dejn, filwaqt li jsaħħu l-investiment.

L-Istati Membri jenħtieġ li jsegwu riformi li jsaħħu l-kopertura, l-adegwatezza, u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa u tal-protezzjoni soċjali għal kulħadd.

L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-kwalità tal-miżuri baġitarji. Itejbu l-oqfsa tal-akkwist pubbliku u l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż b'mod partikolari l-oqfsa ta' investiment u jagħmlu użu minn għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku. Jużaw ir-reviżjonijiet tal-infiq biex in-nefqa pubblika tkun iffukata aħjar fuq il-ħtiġijiet ta' rkupru u ta' reżiljenza.

2. Biex jittejbu aktar il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv

Jimmitigaw ir-riskju ta' aktar diverġenzi, u jsaħħu r-reżiljenza ekonomika u soċjali fiż-żona tal-euro billi jkomplu jindirizzaw l-isfidi strutturali u billi jimplimentaw riformi li jsaħħu l-produttività u l-impjiegi, jiżguraw riallokazzjoni bla xkiel tar-riżorsi u jtejbu l-funzjonament tas-swieq u l-amministrazzjoni pubblika, u billi jżidu l-livell ta' investiment pubbliku kif ukoll irawmu l-investiment privat biex jappoġġaw irkupru ġust u inklużiv konsistenti mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Jintegraw aktar is-suq uniku, inkluż dak diġitali, għall-oġġetti u s-servizzi billi jneħħu r-restrizzjonijiet bla bżonn, itejbu s-sorveljanza tas-suq u jiggarantixxu biżżejjed kapaċità amministrattiva.

Jiżguraw politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol u appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, b'mod partikolari lejn ekonomija ekoloġika u diġitali. Irawmu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jsaħħu l-inklużjoni. Jiżguraw l-involviment effettiv tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, isaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv. Isaħħu s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u l-investiment fil-ħiliet, filwaqt li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħiliet.

Ikomplu jaħdmu fil-qafas tal-Kunsill dwar soluzzjoni globali bbażata fuq il-kunsens biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-taxxa li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija fi ħdan il-qafas Inklużiv tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitti, bl-istennija li jintlaħaq qbil sa nofs l-2021 f'dak il-forum. Jimpenjaw ruħhom fil-ħidma preparatorja rilevanti fuq it-triq 'il quddiem sabiex jiġu indirizzati dawk l-isfidi tat-taxxa tal-ekonomija diġitali, inkluż fin-nuqqas ta' kunsens internazzjonali sa nofs l-2021. Isir aktar progress fil-ġlieda kontra l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa, jitnaqqas il-porzjon tat-taxxa u tiġi appoġġata bidla lejn l-ipprezzar tal-karbonju u t-tassazzjoni ambjentali.

3. Biex jissaħħu l-oqfsa istituzzjonali nazzjonali

Isegwu u jniedu riformi li jindirizzaw l-ostakli għall-investimenti u jiżguraw l-użu effiċjenti u f'waqtu tal-fondi tal-UE, inkluż tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Isaħħu l-effettività u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, inklużi s-sistemi tal-ġustizzja u tas-saħħa, kif ukoll tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Inaqqsu l-piż amministrattiv għall-kumpaniji u jtejbu l-ambjent tan-negozju. Ikomplu jtejbu l-oqfsa għall-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Jippromwovu azzjonijiet konkreti biex iżidu l-effiċjenza, l-effettività u l-proporzjonalità tal-oqfsa ta' insolvenza, biex jiġu eliminati l-iskoperturi improduttivi u tiġi żgurata allokazzjoni effiċjenti tal-kapital.

4. Biex tiġi żgurata l-istabbiltà makrofinanzjarja

Iżommu sakemm ikun meħtieġ il-kanali ta' kreditu għall-ekonomija u l-miżuri biex jiġu appoġġati l-kumpaniji vijabbli matul l-emerġenza għall-kriżi bla preċedent.

Iżommu karti tal-bilanċ sodi tas-settur bankarju, inkluż billi jkomplu jindirizzaw is-self improduttiv, fost l-oħrajn permezz tal-iżvilupp ta' swieq sekondarji għal self improduttiv.

5. Biex titlesta l-UEM u jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro

Jagħmlu progress fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja biex tiżdied ir-reżiljenza taż-żona tal-euro billi jlestu l-Unjoni Bankarja, billi jkomplu jaħdmu, mingħajr dewmien, u bl-istess livell ta' ambizzjoni, fuq l-elementi kollha, inkluż dawk diskussi fil-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-EDIS, u billi japprofondixxu l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, kif ukoll permezz ta' appoġġ għal inizjattivi li jimplimentaw finanzi diġitali, finanzi għall-konsumatur u politiki finanzjarji sostenibbli. Jaħdmu aktar fuq soluzzjonijiet biex jingħelbu l-limitazzjonijiet fl-istruttura attwali għall-forniment tal-likwidità f'riżoluzzjoni u fuq it-tisħiħ tal-qafas regolatorju u superviżorju Ewropew, inkluż billi jiżguraw superviżjoni konsistenti u effettiva u jinfurzaw ir-regoli għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

Passi ulterjuri fl-approfondiment tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja jenħtieġ li jqisu t-tagħlimiet meħuda mir-rispons komprensiv tal-politika ekonomika tal-Ewropa għall-pandemija tal-COVID-19. Il-progress, b'rispett sħiħ tas-suq intern tal-Unjoni u segwit b'mod miftuħ u trasparenti lejn Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro, ser jikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol internazzjonali tal-euro u jippromwovi l-interessi ekonomiċi tal-Ewropa globalment.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*